MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1853/2014/1

**Cutajar Angelo detentur tal-karta tal -identita' Maltija numru 438052M u Cutajar Josephine detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0728155M ta' numru 3, Sqaq San Anard numru 2 Hal-Kirkop, Malta.**

**Vs**

**Mark Vella detentur tal-karta tal-identita' Maltija Numru 403080M li joqghod Carina Court, Flat 3, Triq L-Ghabiex, Swatar, Malta.**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta’ Cutajar Angelo et tal-21 ta’ Novembru, 2014 li jaqra hekk:

*“Illi l-esponenti, ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jixtieq izom l-intimat milli Personalment jew permezz ta'terzi tkompli taghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp u/jew kostruzzjoni u/jew demolilizzjoni u/jew rimozzjoni u/jew tqattiegh ta' blat fis-sit proprjeta' tal-intimat u senjatament fis-sit numru erba'(4) Sqaq San Anard Alley 2, Hal Kirkop, liema*

*fond huwa adjacenti mal-proprjeta' tal-mittenti li huwa fond numru 3, Sqaq San Anard Alley 2, Hal Kirkop, Malta.*

*Illi l-hrug ta' dana l-mandat qed jintalab sabiex tigi protetta l-proprjeta' tal-esponenti stante li dawn ix-xoghlijiet qed isiru minghajr ma qed jittiehdu ebda prekawzjonijiet sabiex tithares il-proprjeta' tal-esponenti u sabiex tigi evitata hsara durante l-andament tax-xoghlijiet da parti tal-intimati.*

*Illi l-hrug ta' dana l-mandat qed jintalab ukoll stante illi waqt l-izvilupp ta' dana s-sit, 1-intimat qed iqatta l-blat jew jiskava u jnehhi l-hamrija illi tinsab adjacenti ghat-tul tal- fond kollu, u dana minghajr ma hu qed josserva d-distanza ta' sitta u sebghin centimetre (76 cms) mal-hajt divizorju kontemplata mal-ligi; haga li l-intimat kompla jaghmel arbitrarjament minkejja l-ittra interpellatorja tal-31 t' Ottubru, 2014 mibghuta lill-intimat mill-Avukat Dottor Andrew Sciberras LL.D.*

*Illi r-rikorrenti ghandha kull interess illi dana x-xoghol abbuziv ma jkomplix ghaddej, kemm sabiex d-distanza ta' sitta u sebghin centimetru (76 cms) mill-hajt divizorju kontemplat mil-ligi ma jkunx jista jitkompla jitqatta mill-intimat u kemm sabiex l-istess distanza kontemplata mil-ligi tkun tista tigi reintegrata u kemm sabiex jigi accertat illi tali reintegrazzjoni issir qabel ma jkomplu ghaddejjin dawn ix-xoghlijiet bil-ghan illi l-proprjeta' tar-rikorrenti kemm jista jkun ma issofrix hsarat waqt dawn dawn ix xogholijiet.*

*Stante l-urgenza u l-fatt li l-esponenti jibzghu li l-intimati ser ikomplu b'dawn ix- xoghlijiet, ir-rikorrenti jitolbu illi l-intimati jigi inibiti milli huma personalment jew permezz ta' terzi jkompli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp u/jew kostruzzjoni u/jew demolizzjoni u/jew rimozzjoni u/jew tqattiegh u/jew tnehhija ta' blat u/jew ta' hamrija u/jew materjal fis-sit tieghu u dana provizzorjament sakemm jinghata digriet fuq dan ir-rikors.*

*Illi l-esponenti ser jigu ippregudikati jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti joghgobha tordna l- hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta'Novembru 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-5 ta'Dicembru 2014 fil-11.15am.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta'Mark Vella tat-28 ta'Novembru 2014 (a fol. 20 et seq.)
li taqra hekk:

*"ILLI l-esponent gie notifikati b'rikors ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni u digriet tal-Qorti, moghti nhar l-21 ta' Novembru 2014, f' din l-istess data;*

*ILLI preliminarjament jinghad li minkejja li r-rikorrenti ghamlu uzu mis-sistema tal-avukat ta' 1-ghajnuna legali jirrizulta li mhux intitolati u dan billi Angelo Cutajar jahdem regolarment;*

*ILLI fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.*

*ILLI fil-fatt il-mandat u l-effetti tieghu, hekk kif mitluba, huma vessattorji tant li huma eccessivi u dan, minkejja li l-lamentela hija rigward xoghol fil-vicinanzi tal-hajt tar rikorrenti, it-ta1ba tolqot is-sit ta' kostruzzjoni kollu li fi stra maggoranza tieghu m' ghandu x' jaqsam xejn mal-proprjeta'tar-rikorrenti u zgur 1i jekk ix-xoghol fil-partijiet l-ohra jibqghu ghaddeja certament ma jistghu jaffettwaw il-prorieta' tar-rikorrenti b'liema xohgol mhux ser issofri ebda pregudizzju imma l-pregudizzju qed jigi soffert mill-intimat u f 'dan ir-rigward ukoll l-esponenti qed jirriserva li tipprocedi kontra taghhom ghad-danni;*

*ILLI r-rikorrenti mhux ser issofri ebda pregudizzju fil-forma ta' hsarat bit-tqattih mal-hajt komuni tant li dan it-tqattih diga' sar kollu u b'hekk m'hemmx x'jigi inibit bil-kontra ta' dak mitlub u bil-kontra ta' dak mitlub ebda hsara ma saret effettivament u b'hekk igib dan il-mandat <u>kawtelatorju</u> inutli, <u>mhux mehtieg</u> u bla effett hlief li jikkawza pregudizzju lill-intimat;*

*ILLI preliminarjament 1-esponent jiddikjara 1i huwa fl-interess tieghu ukoll li x-xoghol kollu, li sar u li ser jaghmel, ma jkunx ta' hsara lil hadd, inkluz ir-rikorrenti, tant li ha diversi mizuri sabiex jikkawtela u jipprotegi l-proprjetajiet adjacenti;*

*ILLi 1-esponenti qed jezegwixxu dawn ix-xoghlijiet taht is-sorveljanza stretta tal-perit arkitett Stephen Psaila AIC u d-ditta tieghu li ghamlu testijiet u evalwazzjoni ta' dan ix-xoghol kif 1-ahjar isir , fl-interess u s-sigurta' ta' kullhadd u qed jezegwixxi 1-inkarigu, bi1-permessi kollha ta1-awtoritajiet kompetenti, inluz il-MEPA;*

*ILLI fil-fatt ghall-kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, i1-procedura adottata mill-esponenti, sabiex jaghmlu x-xoghol ta' thaffir, hija intiza sabiex i1-propjeta' adjacenti , inkluza dik tar-rikorrenti tigi protetta minn vibrazzjonijiet u damdim zejda li jistghu jikkawzaw hsara. Fil-fatt billi x-xoghol ta' tqattih mal-hajt huwa Ilum kompjut dan j ista' jirrizulta fattwalment li hsara ma saritx ara dok A rapport tal-perit Stephen Psaila datat 23 ta' Novembru 2014;*

*ILLI kieku ma intuzawx dawn is-sistemi tajba d-damdim u l-vibrazzjoni ma ' l-appogg ser jizdied u per konsegwenza jkabbar ir-riskju ta' xi hsara fl-appogg meta fil-fatt dawn il-hsarat ma sehhux u b'hekk ix-xoghol sar tajjeb u b'kawtela;*

*ILLI kif ser jirrizulta aktar 'l isfel, ma hemmx htiega ghall-hrug ta' dan il-mandat billi i1-jeddijiet tar-rikorrenti huma gia' protetti u jistghu jitharsu ugwalment minghajr il-hrug ta dan il-mandat u allura minghajr il-htiega 1i l-esponent jigi inibitmilli jezercita d-drittijiet tieghu;*

*ILLI ghal kul1 eventwalita' l-esponent huwa kopert bi polza ta' assikurazzjoni , apposta ghal dan ix-xoghol 'all risk' mas-socjeta' assikurattrici Allcare Insurance ltd bin-numru tal-polza CAR/AIL 00177;*

*ILLI mill-assiem tal-fatti esposti jirrizulta ampjament illi r-rikorrenti ma rnexxielhomx jissodisfaw 1-elementi 1i trid iI-Ligi biex jinhareg u jigi milqugh Mandat ta' Inibizzjoni. L-artikolu 873 ta1-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi :*

*(1) L-iskop tal-mandat ta'inibizzjonl hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga 1i tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta 1i dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet ir-rikorrent u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet"*

*ILLI l-Ligi hija cara u tirrikjedi inter alia li jigi ppruvat 1i l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu 1-jeddijiet tar-rikorrenti u li prima facie ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet.*

*ILLI bil-qima jinghad illi r-rikorrenti ma ssodisfaw ebda wiehed miz-zewg elementi rikjesti ad validitatem mill-Ligi biex jintlaqa' mandat bhal dan.*

*ILLI fil-fatt ir-rikorrent m' ghandhom ebda jeddijiet ohra x'jitharsu billi dawn il-jeddijiet gia' huma imharsa bl-aqwa mod mis-system of work 1i biha qed jahedm l-esponent taht sorveljanza kontinwa tal-perit tieghu . Per konsegwenza jirrizulta wkoll 1i m' hemm ebda jeddijiet li qed jigu b'xi mod ipperikolati fil- konfront tar-rikorrenti, bil1i x-xoghol ko1lu qed isir bl-ahjar mod skond is-sengha u l-arti u allura m' hemm ebda htiega ghall-hrug tal-mandat.*

*ILLI dawn l-elementi gew ampjament spjegati fil- gurisprudenza taghna hekk kif jidher hawn taht.*

*ILLI l-Qrati taghna minn dejjem hassew ruhhom riluttanti li jilqghu mandati ta' dan ix-xorta jekk ma jigix ppruvat 1i min qed jitlob dan il-mandat ser isofri danni* ***irreparabbli u irrivversibbli*** *u b'hekk, dato ma non concesso, jkun hemm dan il-pregudizzju jezisti r-rimedju pekunjari ghal dan;*

*ILLI di fatti skond l-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'ghandhiex tilqa, talba ghall-hrug ta, mandat ta' inibizzjoni* ***jekk ma tkunx sodisfatta****:*

*a. li dak il-mandat huwa mehtieg;*
*b . sabiex jitharsu l- jeddijiet tar-rikorrenti, u*
*c. li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet; u*

*d li* ***jekk ma tintlaqax it-talba ghal-hrug tal-mandat, ir-rikorrent ser isofri pregudizzju rrimedjabbli****.*

*ILLI kif intqal tajjeb mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Connie Galea et vs Joseph Gauci*** *deciza fis-7 / 10 / 91 :*

*"Il-mandat ta, inibizzjoni huwa wiehed mill-atti intizi biex jikkawtela d-dritt. Trid ghalhekk tinzamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat.*

*L-Artikolu 873, specifikament fuq il-mandat ta, inibizzjoni, jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta'inibizzjoni hu biex izzomm persuna milli taghmel xi haga, tkun xi tkun, ta, hsara lilll-parti li titlob il-hrug tal-mandat.* ***Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-hrug tal-mandat*** *u li prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet" (Enfazi ta' l-esponenti)*

*I1-principju enuncjat f' dan l-Artikolu gie addottat ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti civili fi1-kawza f1-ismijiet* ***Salvino Testaferrata Moroni viani vs Is-socjeta' Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani et*** *deciza per Onor.Albert J-Magri fit-3 ta' Novembru, 1997[1], f ' liema kawza il-Qorti sostniet li:*

*L-Artikolu 873 ta7-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-fakolta' lil- din il-Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob i1-hrug tal-mandat. Izda talba ghal hrug ta' tali mandat m'ghandhiex tigi akkolta jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg 'sabiex jitharsu il-jeddijiet tar-rikorrenti u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet." (Sottolinear ta1-Qorti)*

*Il-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni in materia: jew ir-rikorrent ; issodisfa l-vot tal-ligi jew il-qorti trid bilfors tichad it-talba.* ***Fr Grech pro et noe' vs Manfre****[2] iI-qorti iddecidiet 1i :*

*"IL-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi kategoriamement illi l-Qorti m'ghandhiex tohrog dan il-mandat jekk ..." (Enfazi ta' 1-esponenti)*

[1] Vol. LXXXO Pt. III Pg. 309
[2] Vol. LXXII pt. II Pg. 295

*ILLI inoltre fl-istess sentenza jinghad ukol1 1i:*

*'It-tieni rekwizit, u cjoe' li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawn iL-jeddijiet' huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, u ma jiddipendix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, izda jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel  daqqa t' ghajn jew ma jidhru xejn , ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat"*

*F'digriet moghti **f'Borg Grech v. Gasan et noe**[3] il- Qorti tal-Kummerc, wara li sabet li d-dritt invokat ma kienx jirrizulta prima facie ghaliex il-ligi stess kienet taghti 1i11-intimat d-dritt 1i jaghmlu dak in kwistjoni , qalet :*

*"Inoltre, 1-hrug tal-mandat mhux necessarju biex id-dritt vantat mir-rikorrent jigi konservat **billi f'kaz ta' ezitu favorevoli fil-meritu l-inkonvenjent de quo jista' facilment jigi mnehhi u r-rikkorent jigi pjenament reintegrat fid-drittijiet minnu vantati."***

*Ir-raguni u l-bzonn ghal din l-interpretazzjoni stretta inghatat mil-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-sentenza **<u>Said vs Said</u>** deciza fit-8 ta'Marzu 1968 fejn il-Qorti qalet:*

*" Il-mandati kawtelatorji appntu ghaliex isiru fi zmien l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti huma odjuzi u **d-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircievu interpretazzjoni rigoruza**." (Enfasi ta' l-esponenti)*

*ILLI di piu, dato ma non concesso illi r-rikorrenti ser isofru xi pregudizzju. Dan il-pregudizzju huwa facilment risolvibbli pekunjarjament trattandosi, dejjem jekk jigi ppruvat dan il-pregudizzjr. Ghalhekk billi l-pregudizzju li qed jirreferu ghalih ir- rikorrenti huwa rimedjabbli m'hemmx i1-htiega li trid i1-Ligi biex jintlaqgha dan il-mandat;*

*ILLI il-gurisprudenza nostrana f ' din il-materja hija fis-sens li l-Mandati ta' Inibizzjoni huma odjuzi u bhala tali ghandhom mhix biss jinghataw interpretazzjoni restrittiva izda ghandhom jinhargu biss meta huwa l-unika mezz biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ma jkunx hemm alternattiva ohra .*

[3] Inib 3984/92 deciz fit-2 ta'Jannar 1999 per Manche J.

*GIALDAQSTANT, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, 1-esponenti bil-qima jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti j oghgobha , tichad in toto it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors taghhom prezentat fl-21, ta' Novembru 2014 u cioe' il-Mandat ta, Inibizzjoni sudett bin-numru: 1853 /14 billi tichad il-hrug tal-istess mandat fil-konfront tal-esponenti, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2014, li bih ordnat li l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni u l-avviz tas-smiegh jigu notifikati lill -Angelo Cutajar li ma rrizultax li kien notifikat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti tal-mandat;

Rat il-verbal tal-partijiet tad-9 ta' Dicembru 2014, u d-digriet ta' din il-Qorti  tal-istess data illi bih irrevokat parzjalment id-digriet provvizorju taghha tal-21 ta' Novembru 2014, ghal dak li jirrigwarda xogholijiet tal-pedamenti fuq it-tliet irjiehat tas-sit in kwistjoni, basta li ma jsir ebda xoghol ta' kostruzzjoni fuq dak il-lat li jmiss mal-proprjeta' tar-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta mir-rikorrenti jirrizulta illi l-kontendenti huma girien u ghandhom proprjeta' adjacenti ta' xulxin.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Josephine Cutajar a fol. 43 et seq illi l-intimat Mark Vella beda jizviluppa il-proprejta' adjacenti,  jiskava u jqatta' l-blat, b'dana li ma halliex id-distanza ta' sitta u sebghin centimetri (76cm) skond il-ligi mill-proprejta' tal-istess rikorrenti, izda qatta' preciz mal-linja divizorja bejn il-proprejtajiet u dana minghajr permess.

Dan gie konfermat ukoll mix-xhieda ta' Angelo Cutajar vide fol. 46 et seq u 50 et seq.

Ir-rikorrenti Josephine Cutajar ikkonfermat illi huma fil-fatt kellmu lil-Perit taghha Raphael Abdilla. Cutajar xhedet illi kienet qed tibza ghall-integrita' tal-bini taghha 'l ghaliex waqt it-thaffir hija bdiet tibza' li s-saqaf**, illi qieghed fuq ix-xorok u travi**, jcedi addirittura – vide fol. 49.

Il-Perit Raphael Abdilla a fol. 58 et seq. ikkonferma illi t-thaffir u tqattiegh tal-blat da parti tal-intimat sar minghajr ma giet rispettata id-distanza ta' 2.5 piedi mill-appogg skond il-ligi Civili. Huwa kkonferma r-rapport tieghu li jinstab a fol. 71 u kif ukoll ir-ritratti li jinsabu a fol. 70.

Minn naha tieghu Mark Vella (a fol. 61 et seq) xhed illi t-tqattiegh kien tlesta u l-blat li kien tal-franka, kien blat shih. Huwa ikkonferma li taqtiegh mal-parti tal-proprjeta li tmiss mar-rikorrenti kien ghadu ma mhux kompletat, u wasal sa nofsu – vide fol. 63. Vella xhed illi huwa qatta' l-blat bil-kunsens tar-rikorrenti. A fol. 65 Vella xhed illi x-xoghol ta' skavar mal-parti tal-proprejta' li tmiss mal-proprjeta tar-rikorrenti tlesta, u jista' jibda tiela' l-bini, u li x-xoghol kien qed isir skond is-sengha, b'mod professjonali u bil-permessi kollha skond il-ligi.

Mark Vella xhed illi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet ma jezistix  u li dawn il-proceduri saru biss ghal raguni pekunarja.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat kontra il-Gvern, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem b'mod irrimedjabbli."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi fuq prodotti din il-Qorti taghraf illi r-rikorrenti wettqu l-onoru taghhom skond il-ligi ghar-rigward tal-ewwel rekwizit u cioe' tal-prova tal-jedd prima facie. Huwa palezi illi

r-rikorrenti ghandhom dritt illi l-iskavar u zvilupp fuq bini adjacenti isir skond il-ligi u cioe' billi jigu rispettati d-distanzi skond il-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 439 tal-Kapitolu 16.

Ir-raison d'etre ta' dan l-Artikolu tal-ligi huwa s-salvagwardja ta' sisien u l-integrita' tal-bini tal-fondi adjcenti. Dawn id-distanzi m'humiex imposti mill-legislatur b'mod kapriccjuz izda ghall-kuntrarju l-htiega ta' dawn id-distanzi huma bbazati fuq taghrif xjentifiku u dana sabiex jigu evitati tragedji b'konsegwenzi fatali. Illi minkejja illi bil-progress xjentifiku, hemm metodi sabiex isir tali skavar, b'eliminizzajoni tad-distanzi fuq spjegati, dan jista' jsir biss **b'irfied specjalizzat b'*concrete steel structures*** mqieghda man man waqt li qed isir l-iskavar sabiex il-pedamenti tal-proprjeta adjacenti jigu rinforzati. Ma kien hemm ebda evidenza ta' tali irfied jew rinforzar mir-ritratti ezebiti jew mix-xhieda tal-Perit Abdilla.

Illi ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi r-rikorrenti irnexxielhom jipprovaw ukoll il-htiega tal-hrug ta' dan il-mandat. Huwa palezi illi f'kaz li l-pedamenti jew il-bini tar-rikorrenti **(li ghandu saqaf ta' xorok li jistriehu fuq travi)**, huwa kompromess bl-iskavar, il-hsara tar-rikorrenti tkun wahda irrimedjali, in vista ta' perikolu ghal-hajja umana.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat, tiddikjara illi huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12, ghaldaqstant il-Qorti tordna l-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni kontra l-intimat Mark Vella sabiex izomm lill-istess intimat milli personalment jew permezz ta' terzi, jkompli jaghmel kwalunkwe tip ta' xoghol u/jew zvilupp u/jew kostruzzjoni u/jew demolilizzjoni u/jew rimozzjoni u/jew tqattiegh ta' blat fis-sit proprjeta' tal-intimat u senjatament fis-sit numru erba'(4) Sqaq San Anard Alley 2, Hal Kirkop, **limitatament** ghax-xogholijiet hawn indikati fejn si tratta ta' dak il-lat li huwa adjacenti mal-proprjeta' tar-rikorrenti u cioe' numru 3, Sqaq San Anard Alley 2, Hal Kirkop, Malta.

Tordna li l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment jithallsu mill-intimat Mark Vella.

**Moghti kameralment fit-22 ta'Dicembru 2014**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------